MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-1 ta' April, 2004

Avviz Numru. 521/2003

**HSBC Home Loans (Malta) Limited**

**vs**

**Carmelo Busuttil**
**Josephine Busuttil**
**Monalisa Busuttil**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex:**

**1. Jizgombraw u jivvakaw mill-fond numru wiehed (1), Sqaq il-Vitorja Numru hamsa (5), Qormi, minnhom okkupat u minghajr ebda titolu validu fil-ligi;**

**2. Ihallsu dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti in linea ta' kumpens ghall-**

**okkupazzjoni illecita da parti taghhom tal-istess fond mis-6 ta' Ottubru 1998 sal-gurnata tal-izgumbrar effettiv;**

**3. Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenuti li huma mill-lum ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni;**

**4. Ghall-fini ta' kompetenza, il-valur lokatizju annwali ma jeccedix is-somma ta' sebgha mija u hamsa u tletin Lira Maltin (LM735), filwaqt li t-talba ghall-kumpens ma teccedix il-hamest elef Lira Maltin (LM5,000.0,0);**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fit-30 ta' Marzu tas-sena 2004 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba tas-socjeta' attrici u tordna li l-konvenuti jizgumbraw mill-fond numru wiehed (1), Sqaq il-Vitorja, Hal-Qormi fi zmien xahar mil-lum, bl-ispejjez kontra l-konvenuti ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' dan il-kap;**

**Illi rigward it-tieni talba, senjatament dik ghall-likwidazzjoni ta' kumpens ghall-okkupazzjoni illecita, stante li din it-talba ma tikkoncernax talba likwida u certa tordna l-prosegwiment tal-kawza.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------